MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1079/2001/1

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Caruana sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess David Caruana, u b'digriet tat-8 ta' Frar 2002 l-okkju gie korrett ghal "Middle Sea Insurance plc f' isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Caruana sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess David Caruana."**

**vs**

**Ralph Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 15 ta' Marzu 2011 u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi fit-8 ta' Novembru 2000 fi Triq is-Sebh, Qormi waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karrozza numru ABI 048 habat mal-karrozza numru ITS 075 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat David Caruana u assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta`attrici;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi *in vista* tal-imsemmija polza s-socjeta` attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza tal-istess incident;

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal erbat elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm4,510) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni hlas tad-danni, baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandux jigi dikjarat minn din il-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta` attrici;

2. M'ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm4,510 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement ma ghandux il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta` attrici *in linea* ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici

tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 19 ta’ Settembru 2001 (fol 9) fejn espona : -

1. Preliminarjament illi s-socjeta` attrici mhiex il-leggitimu kontradittur, *stante* li s-socjeta` Allcare Insurance Agency Limited ma' tista qatt gudizzjarament tirraprezenta principal li jinsab hawn Malta, u kwindi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-meritu u bla pregudizu ghall-ewwel eccezzjoni, l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-konvenut, izda gara unikament tort u htija tal-attur, David Camilleri, li mhabba *speed* sperikolat waqt li kien qed isuq il-vettura numru ITS 075 ma setax jikkontrolla l-vettura tieghu bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru ABI 048 misjuqa mill-konvenut u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc datata 7 ta’ Dicembru 2001 a fol 14 tal-process fejn is-socjeta` attrici talbet bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti *a tenur* tal-Artikolu 175 (1) tal-Procedura Civili joghgobha tordna l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn tirrikori l-htiega billi il-kliem "Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`" jigu kancellati, b'mod li l-kawza tkun mill-istess socjeta` Middle Sea Insurance plc, f’ isimha proprju, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Caruana u l-istess David Caruana u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza jirriflettu l-bidliet mitluba.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2006 mizmuma qudddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw ulterjorment il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Dicembru 2006; u l-verbali tas-seduta l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b'ordni tal-istess Qorti kif diversment presjeduta l-kawza baqghet differita ghas-16 ta' Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni ta' l-istess Qorti l-kawza giet differita ghat-3 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` assikurattiva attrici, talbet li l-konvenut Ralph Cassar jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar it-8 ta' Novembru 2000, fi Triq is-Sebh, limiti ta' Hal Qormi, meta l-konvenut habat mal-vettura misjuqa u proprjeta' tal-assikurat taghha, David Caruana. Is-socjeta` attrici rrimborsat lill-David Caruana s-somma ta' Lm4510 fuq il-polza *comprehensive* tieghu, u qed titlob ukoll li tigi risarcita mill-konvenut fl-ammont imsemmi *in linea* ta' danni.

Il-konvenut eccepixxa fil-mertu li David Caruana kien qed isuq bi *speed* sperikolat b'mod li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. B'hekk ir-responsabbilita' ghall-incident mertu ta' din il-kawza taqa' unikament fuq Caruana.

L-incident sehh fit-8 ta' Novembru 2000 fi Triq is-Sebh, Qormi. Din it-triq hija *bypass* fejn l-i*speed* permissibbli hu ta' 80 km/h. David Caruana kien qed isuq il-vettura tieghu Fiat Punto - Numru ta' Registrazzjoni - ITS-075 lejn id-direzzjoni ta' Hal-Qormi. Il-konvenut Ralph Cassar, li kien qed isuq vettura Kia Avella ABI-048 kien hareg mis-*side road* fejn hemm il-fabbriki dritt ghal gol-*outer lane* biex isuq fl-istess direzzjoni meta sehhet il-habta. L-incident sehh f'xi 11.30 ta' bil-lejl.

Il-mertu ta' din il-kawza hija konnessa mal-mertu ta' kawza istitwita mill-konvenut Ralph Cassar u mill-genituri tieghu Paul u Carmelina konjugi Cassar bhala proprjetarji tal-vettura li kien qed isuq fl-incident, kontra l-attur odjern fl-ismijiet ***"Paul Richard u Carmelina konjugi Cassar et v David Caruana "*** **(**Citazz. 777/01 LSO). Din il-kawza giet deciza llum stess u s-sentenza moghtija necessarjament timpingi fuq it-talbiet odjerni.

### Provi Prodotti

Il-provi prodotti f'din il-kawza kienu limitati ghall-prova dwar il-hsarat subiti. Xehed **John Lentini,** *Claims*

*Manager* tas-socjeta` *Allcare Ins Agency Ltd* [1] u qal li l-vettura Fiat Punto ITS-075 ma kenitx tissewwa - kienet '*beyond economical repair*' u l-Allcare Insurance Agency Ltd ghamlet valutazzjoni *ai fini* ta' danni. Mill-prospett u *survey report* irrizulta is-segwenti:-

*"Survey Damage of pre-accident value - Lm5050 less wreck value of Lm550 - total Lm4510"* li jinkludi l-ispejjez ta' Lm10 ghall-prospett. Jirrizulta li l-attur gie rimborsat f'din is-somma (fol.38) u ta d-debitu rilaxx lis-socjeta` assikurattiva. Is-*survey* sar minn Peter Bonnici u kopja tieghu hu esebit a fol. 40 tal-process.

Ikkonsidrat li dawn il-provi ma gewx kontradetti.

**Konsiderazzjonijiet Fattwali dwar ir-Responsabbilta'**

Illi mill-provi prodotti fil-kawza konnessa, din il-Qorti kkonstatat li Ralph Cassar hareg minn *side road* fejn hemm il-fabbriki, dritt ghal fuq l-*'outer lane'* tal-*bypass* fejn kien gej David Caruana u fejn l-i*speed* legali hu ta' 80 km/h. *Inoltre* hareg ghal fuq il-*bypass* bi *speed* ferm inferjuri ta' 40 km/h. David Caruana meta sabu quddiemu, mhux biss ma tilifx il- kontroll imma ghamel manuvra evasiva billi dar ghal fuq l-'inner lane'. Fl-istess hin, l-attur ipprova jikkoregi l-izball tieghu billi ttenta l-istess manuvra b'dan li sehhet il habta.

Ghalhekk il-konsegwenza ta’ dan kollu hija li peress li l-istess Cassar ghamel manuvra fiha nnifisha perikoluza u ma zammx *'proper look out'*, pogga ruhhu *'f’self inflicted incapacity'* sabiex jevita l-istess incident, u holoq *emergenza subitanea* lill-utenti tal-istess triq principali, (David Caruana) li kellu d-dritta kollha tat-triq.

Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet li Ralph Cassar huwa unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghandu jkun tenut responsabbli ghad-danni minnu kkawzati.

---

[1] Seduta tad-9 ta Marzu 2005 a fol 42 tal-process.

Il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza “***Paul Richard u Carmelina konjugi Cassar et v David Caruana”*** **(**Citazz. 777/01/LSO) ghandhom jigu meqjusa bhala parti integrali mis-sentenza li qed tinghata f'din il-kawza u a skans ta' ripetizzjoni il-Qorti qed taghmel pjena referenza ghalihom.

**LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

L-istima tal-*pre-accident* value tal-karrozza mahruga mis-*surveyor* ma gietx kontradetta mill-konvenut. Il-hsarat skont ix-xhieda ta' **John Lentini** jammontaw ghal Lm5050 *less wreck value of LM550 – piu`* l-ispiza tal-prospett = total Lm4510" ossia €10,505.47

Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ammont ghandu jigi rimborsat lis-socjeta` attrici mill-konvenut *in linea* ta' danni.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) **Tiddikjara** lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-8 ta' Novembru 2000 fi Triq is-Sebh, limiti ta' Hal Qormi.

(2) **Tillikwida** d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' ghaxart elef, hames mija u hames ewro u sebgha u erbghin centezmu (€10,505.47) li qed jigu hawnhekk likwidati bhala danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-incident in kwistjoni.

(3) **Tikkundanna** lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' ghaxart elef, hames mija u hames ewro u sebgha u erbghin centezmu (€10,505.47) li gew hawnhekk likwidati bhala danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-kawza odjerna u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------